


# German Christmas Markets: Cologne & The Rhine Valley

**GRUPP A: 30 TA' NOV – 04 TA' DIĊEMBRU**
**GRUPP B: 14 - 18 TA' DIĊEMBRU**

**5 t'ijiem**

**INŻURU: Cologne, Aachen, Rudesheim am Rhein u Bonn**

**Validu sal-5 ta' Settembru**

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | on request |
| Kamra ta' żewġ persuni | €860 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,160 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | on request |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mar-Ryanair għal Cologne
- 20kgs Bagalja
- Eskursjonijiet skond il-programm (entraturi mhux inklużi)
- 4 lljieli - **Dorint Hotel An Heumarkt - 4 star**
- Buffet Breakfast
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Protection

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc.

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom. Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.*

**It-Tnejn**
Niltaqgħu l-ajruport fit-08:00 għall-flight FR3462 lejn Cologne li ttir fl'10:15 u naslu fis-13:05. Transfer lejn iċ-ċentru ta' Cologne u check in fid-**Dorint Hotel An Heumarkt – 4 Stars** li qegħda fiċ-ċentru ta' Cologne**.** Sistemazzjoni tal-kmamar u ħarġa mal-leader biex nibdew ingawdu l-gmiel ta'din il-belt u l-christmas markets.

**It-Tlieta**
Breakfast u eskursjoni mill-iżjed interessanti għall-belt ta' **Aachen**, belt sabiħa mimlija storja. Ikollna city tour biex naraw l-aktar postijiet ta'nteress bħall-katidral u l-funtana Elisenbrunnen, waqt li ngħaddu mit-toroq sbieħ mimlija kafetteriji u ġelateriji li mhux facli tirrezisti! Wara jkollna ħin biżżejjed biex ingawdu wkoll is-swieq tal-Milied tipiċi Ġermaniżi, fejn insibu nixtru dekorazzjonijiet tal-Milied maħduma bl-idejn, ma jonqsux l-irwejjaħ tal- aromi tal-qastan u nbid sħun. Nirritornaw Cologne, dawra mat-tour leader biex naraw postijiet ta'nteress u ngawdu flimkien 'Christmas Markets' tassew sbieħ f'atmosfera mil- aqwa.

**L-Erbgħa**
Eskursjoni mill-isbaħ li se teħodna fil-**Loreley Valley** u l-villaġġi ħelwin ta' **Kobenz** u **Rudesheim am Rhein**. Ngħaddu minn qalb xenarju mill-isbaħ fuq iż-żewġt iġnub tax-xmara Rhine. Flimkien mat-tour leader naraw iċ-ċentru storiku bit-toroq dojoq, ir-Rathaus, Munzplatz u l-Liebfrauenkirche. Inkomplu lejn Rudesheim am Rhein**,** belt antika fuq ir-Rhine li tinsab fin-nofsinhar ta' Koblenz. Mal-wasla tagħna f'Rudehseimam Rhein inżuru l-Marktplatz, l-Adlerturm (Eagle Tower) u Drosselgasse – triq mimlija b' ħafna ħwienet żgħar tal-inbid, pubs u minn fejn nistgħu nduqu r-Rudesheimer Kaffee', inzuru wkoll il-Christmas Market li l-Ġermanja hi tant magħrufa għalihom.

**Il-Ħamis**
Illum noffrulkom eskursjoni ta'nofs ta'nhar mill-iżjed interessanti għall-belt ta' **Bonn** fejn naraw postijiet ta' nteress bhal Market Square, Town Hall, Minister Church li hu landmark tal-belt. Il-famuż kompożitur Ludwig Van Beethoven twieled fil-belt ta'



Bonn. Nirritornaw Cologne fejn mit-triq famuża ta' Schildagasse u Hohe Strabe nistgħu nżuru l-famuż Christmas Market ta' l-istess lokal fejn miljuni ta' turisti minn madwar id-dinja jiġu għal din l-okkażjoni. Naraw għadd ta' stalls jbiegħu Christmas decorations, Christmas balconies, glassblowers handcrafts, eċċ. Sintendi ma tonqosx l-aroma tal-mulled wine, chestnut, gingerbread u l-famuż bratwurst. Nirritornaw lura Cologne biex inkomplu ngawdu din il-belt.

**Il-Ġimgħa**
Breakfast u transfer lejn l-ajruport tal Cologne għat-titjira FR 5205 li ttir fit-12:10 u naslu lura Malta fil-14:55.